MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 535/2011

**Zammit Paul**
**ID-438484(M)**

**vs**

**Mizzi Mark**
**ID-546378(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut ihallas lill-attur rikorrenti s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494) rapprezentanti prezz dovut mill-konvenut intimat parti minn somma akbar wara bejgh ta' vettura 'Mini' u 'credit note' ghall-ghamara kif miftiehem bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A datata 19 ta' April, 2011 u bl-imghax legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi preliminarjament jigi eccepit illi m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u filwaqt illi l-intimat qed jichad bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet kontenuti fit-talba, ir-rikorrenti ghandu jiccara kemm hija s-"somma akbar" allegatament dovuta illi jirreferi ghaliha fl-istess talba. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi ntlahaq fethim mal-konvenut dwar tpartit ta' vettura tal-marka Mini ma' xoghol ta' konkos u materjal relatat mas-sengha ta' kostruzzjoni, u dan in forza ta' *credit note* illi l-konvenut kellu minghand Polidano Brothers Limited. Illi skond l-istess attur, in-negozju kellu valur kumplessiv ta' hdax-il elf lira Maltin (Lm11,000), ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf ewro sitt mija tlieta u ghoxrin ewro u hdax-il centezmu (€25,623.11c), u li hu kellu jircievi minghand il-konvenut *credit notes* ghall-fornitura ta' materjal f'dan l-ammont. In linea ta' tpacija ghal dan il-materjal, l-attur ikkonsenja lill-konvenut vettura tal-marka Mini, li ghalkemm ma giex attribwit lilha valur specifiku, madanakollu d-differenza fil-valur kien ser jigi supplimentat permezz ta' *voucher* rilaxxjat minn Paul Target Limited ghall-valur ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) ekwivalenti ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro (€9,317), li kellu jinfeda f'akkwist ta' mobbli u ghamara. Illi f'dan ir-rigward, l-attur ghamel referenza ghal skrittura ffirmata mill-partijiet kontendenti datata 2 ta' Ottubru 2009.

Illi mill-prezz originali miftiehem bejn il-partijiet, l-attur ircieva *credit note* rilaxxjata minn Polidano Brothers Limited ghall-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500). Illi l-bilanc li kien ghadu dovut mill-konvenut kien jammonta ghal tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494), u cioe' l-ammont mertu ta' din l-azzjoni. Illi l-attur iddikjara wkoll illi l-*voucher* rilaxxjat minn Paul Target Limited – ta' liema socjeta' kummercjali l-attur huwa direttur – seta' jigi trasferit a favur terzi, u ghalhekk jintuza minn persuni ohra oltre l-konvenut.

Illi l-attur iddikjara illi meta talab lill-konvenut il-hlas tal-bilanc in kwistjoni, dan informah illi kien dispost ihallas biss l-ammont ta' hames mitt ewro (€500), u dan ghaliex il-valur li gie moghti lill-vettura tal-marka Mini ma kienx wiehed reali. Jghid ukoll illi l-bilanc dovut huwa dovut lilu personalment, u dan anke fid-dawl tal-fatt illi n-negozju bejn il-partijiet sar fil-kwalita' personali taghhom. Dwar l-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-konvenut, qal illi hu ta l-informazzjoni lill-Avukat tieghu, u kien dan tal-ahhar li ha hsieb sabiex tigi mhejjija tali ittra. Illi dwar il-fatt illi l-ammont indikat f'dik l-ittra huwa akbar minn dak mitlub f'din il-kawza, l-istess attur rega' sostna illi l-bilanc dovut huwa dak mitlub f'din il-kawza.

Illi l-attur iddikjara wkoll illi dwar is-socjeta' Mizz Ttrading Limited, sar jaf dwarha minghand il-konvenut. Xehed illi l-*voucher* ghall-ammont ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000), ekwivalenti ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro (€9,317), rilaxxjat minn Paul Target Limited ma giex ikkonsenjat lill-konvenut, u li l-istess konvenut gie informat – permezz ta' sms – illi l-ftehim bejnithom dwar il-konsenja ta' tali *voucher* kien qed jigi mhassar. Dan minhabba l-fatt illi kien fadal bilanc dovut mill-konvenut lill-attur fuq il-vettura tal-marka Mini, u li ghalhekk il-konvenut kien ghadu debitur tal-attur.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, iddikjara illi l-ftehim bejn il-partijiet kien jirrigwarda tpartit ta' vettura tal-ghamla Mini, li nghatat valur ta' tlettax-il elf ewro (€13,000), versu *credit note* li tissarraf f'materjal ta' kostruzzjoni minghand

Polidano Brothers Limited. Illi skond l-istess konvenut hu kkonsenja lill-attur il-*credit note* fl-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500), u l-bilanc ta' hames mitt ewro (€500) kien ser jithallas permezz ta' *credit note* ohra, izda din ma gietx ikkonsenjata lill-attur ghaliex il-vettura kellha problema fis-*central lock system* taghha, u peress illi din il-problema ma gietx rimedjata mill-attur, allura l-konvenut zamm dan il-bilanc in linea ta' kumpens ghal din il-hsara.

Illi l-istess konvenut xehed illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi kellu jikkonsenja *credit note* ohra, wkoll relattiva ghall-fornitura ta' materjal tal-kostruzzjoni, din id-darba ghall-valur ta' tnax-il elf ewro (€12,000), u in kontro-kambju, l-konvenut kellu jinghata ghamara tal-valur ta' ghaxart elef ewro (€10,000) minghand Paul Target Limited, u li ghalhekk kellu jinhareg *voucher* ghal dan l-ammont. Illi skond il-konvenut dan il-ftehim ma giex konkluz ghaliex meta gie muri l-*voucher* – li fuqu kellu indikat valur inferjuri ghal dak miftiehem – hu ma accettax illi jikkonsenja lill-attur il-*credit note* ghall-valur ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Illi f'dan ir-rigward ma sar ebda aktar diskors bejn il-partijiet, u ghalhekk il-konvenut deherlu li l-ftehim kien sfaxxa.

Illi dwar il-bilanc ta' hames mitt ewro (€500) li hu kien offra lill-attur ghas-saldu tal-ftehim ta' tpartit li sar bejniethom, dan l-ammont kellu jithallas permezz ta' *credit note* minghand ghall-valur ta' materjal ta' kostruzzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizultaw is-segwenti fatti: illi kien hemm ftehim ta' tpartit bejn il-partijiet, u filwaqt illi l-attur ircieva minghand il-konvenut *credit note* rilaxxjat minn Polidano Brothers Limited ghall-valur ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500), il-konvenut ircieva minghand l-attur il-konsenja ta' vettura tal-ghamla Mini. Illi skond il-verzjoni moghtija mill-konvenut, il-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi dan il-Mini nghata valur ta' tlettax-il elf ewro (€13,000), u li ghalhekk kien fadal li jhallas lill-attur bilanc ta' hames mitt ewro (€500).

Illi dan il-ftehim jikkontrasta u ma jirriflettix dak riportat fl-iskrittura li giet iffirmata miz-zewg partijiet – fil-kwalita' personali taghhom – datata 2 ta' Ottubru, 2009 (a fol.14 u 30 tal-atti). Illi ai termini ta' din l-iskrittura, il-ftehim bejn il-partijiet kien ghall-valur kumplessiv ta' hdax-il elf lira Maltin (Lm11,000), ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u hdax-il centezmu (€25,623.11c); illi dakinhar li gie formalizzat dan il-ftehim, il-konvenut ikkonsenja lill-attur il-*credit note* rilaxxjat minn Polidano Brothers Limited ghal valur ta' tnax il-elf u hames mitt ewro (€12,500), filwaqt illi l-konvenut ircieva minghand l-attur il-konsenja tal-vettura tal-ghamla Mini, oltre li kellu jinghata wkoll *voucher* ghall-ammont ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000), ekwivalenti ghal disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49c). Dwar dan il-*voucher*, jidher illi dan ma giex ikkonsenjat lill-konvenut. Illi dwar il-bilanc, dan kellu jigi saldat da parti tal-konvenut, permezz ta' *credit note* ohra/ohrajn, u da parti tal-attur permezz ta' *voucher* li jissarraf fl-akkwist ta' ghamara. Illi tali skambju ta' *credit notes* u *voucher* kellu jsir, skond din l-iskrittura, sa Marzu 2010.

Illi l-konvenut iddikjara illi l-*voucher* ghall-valur ta' disat elef tlett mija u sbatax-il ewro (€9,317) gie kkancellat, u qatt ma gie kkonsenjat lill-konvenut, li da parti tieghu ma jidhirx illi qatt ha xi azzjoni sabiex jottjeni l-konsenja ta' dan il-*voucher*, jew il-konsenja ta' ghamara f'valur ekwivalenti. Illi fl-iskambju tal-sms' li sar bejn il-partijiet, u li kopja taghhom tinsab in atti a fol. 16 u 17, il-konvenut insista mal-attur li l-ftehim bejniethom kien dwar valur ta' tlettax-il elf ewro (€13,000), u li ghalhekk kien fadal li jithallas bilanc ta' hames mitt ewro (€500). Illi da parti tieghu, l-attur kien qed jitlob il-hlas tal-ammont ta' tlett elef tmien mija u sitt ewro (€3,806) – li ghall-finijiet ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal gew ridotti ghal tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494) – u dan in bazi tal-fatt illi l-ftehim originali kien ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin centezmu (€25,623), li minnhom, l-attur kien ircieva *credit note* fl-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500), u li ghalhekk kien fadal bilanc ta' tlettax-il elf mija u tlieta u ghoxrin ewro

(€13,123); illi minn dan l-ammont kellu jitnaqqas il-valur ta' disa' t'elef tlett mija u sbatax-il ewro (€9,317) rizultanti mill-*voucher* ta' Paul Target Limited, li ma giex ikkonsenjat lill-konvenut, u li ghalhekk, ai termini tal-iskrittura tat-2 ta' Ottubru, 2009, kien fadal dovut mill-konvenut l-ammont ta' tliet elef tmien mija u sitt ewro (€ 3,806).

Illi minn qari tal-iskrittura datata 2 ta' Ottubru, 2009, wiehed jista' serenament jasal ghall-konkluzjoni illi ladarba l-ftehim bejn il-partijiet kien ghall-valur kumplessiv ta' hdax-il elf lira Maltin (Lm11,000), li minnhom l-attur kellu jikkonsenja lill-konvenut *voucher* fl-ammont ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000), allura l-vettura Mini nghatat il-valur ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000), ekwivalenti ghal sittax il-elf tlett mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61c). Illi l-konvenut ikkonferma li din il-vettura giet debitament ikkonsenjata lilu. Daqstant iehor, l-attur ikkonferma li rcieva minghand il-konvenut il-*credit note* rilaxxjat minn Polidano Brothers Limited ghall-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500).

Illi ghalhekk mill-ftehim originali li ntlahaq bejn il-partijiet, u tenut kont li l-partijiet qablu illi l-*voucher* rilaxxjat minn Paul Target Limited baqa' ma giex ikkonsenjat lill-konvenut, allura jirrizulta illi huwa dovut bilanc a favur tal-attur fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€3,805.61c), li l-attur qed jitlob il-hlas minnhom ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494), filwaqt illi l-konvenut iddikjara li hu dispost li jhallas biss hames mitt ewro (€500).

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut ghall-azzjoni proposta mill-attur hija bbazata fuq zewg premessi, ossia eccezzjonijiet, u cioe' dik legali illi ma hemm ebda ness guridiku bejn il-partijiet, u dik fattwali illi l-allegazzjonijiet li saru mill-attur, huma infondati.

Illi m'hemmx dubbju illi l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-iskrittura datata 2 ta' Ottubru, 2009. Illi tali skrittura giet redatta f'isem il-partijiet kontendenti fil-kwalita' personali

taghhom, li ghalkemm it-tnejn ghandhom xi involviment f'socjetajiet kummercjali separati, madanakollu, ma saret ebda referenza ghalihom f'din l-iskrittura. Illi huwa minnu li l-*credit note* rilaxxjata minn Polidano Brothers Limited hija intestata lil Mizz Limited; madanakollu, tali *credit note* giet ikkonsenjata lill-attur mill-konvenut kontestwalment mal-iffirmar tal-iskrittura, u dan minghajr ebda kwalifika illi kienet qedha tigi kkonsenjata mis-socjeta' li f'isimha inharget tali *credit note* u mhux mill-konvenut personalment. Daqstant iehor jidher illi l-vettura tal-marka Mini giet ikkonsenjata – in forza tal-istess ftehim – lill-konvenut personalment. Illi l-konvenut ma gab ebda prova sabiex juri mod iehor, u cioe' illi din giet irregistrata f'isem is-socjeta' Mizz Limited, u mhux f'ismu.

Illi ladarba l-ftehim bejn il-partijiet huwa regolat mill-iskrittura msemmija, jsegwi wkoll illi r-relazzjoni ta' bejniethom hija regolata in forza tal-istess skrittura, li effettivament giet iffirmata miz-zewg partijiet personalment; ghaldaqstant, tali eccezzjoni m'hix gustifikata, u qed tigi michuda.

Illi in rigward tal-kontestazzjoni tal-konvenut dwar l-ammont mitlub, u cioe' illi l-allegazzjoni mressqa mill-attur li fadal bilanc dovut lilu, m'hix fondata fattwalment u legalment, irrizulta illi tali allegazzjoni qedha ssir in bazi tal-iskrittura li giet iffirmata mill-partijiet kontendenti datata 2 ta' Ottubru, 2009. Illi l-attur qed jittenta – permezz ta' din l-azzjoni – illi jenforza din l-istess skrittura, in kwantu qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur tieghu ghal bilanc minn somma akbar. Illi din l-iskrittura jidher illi hija valida, u ma jidhirx illi l-konvenut ippropona xi azzjoni sabiex din l-iskrittura tigi impunjata. Illi ghalhekk, u in bazi tal-principju *pacta sunt servanda*, il-partijiet huma obbligati li jzommu ma tali ftehim.

Illi madanakollu, u tenut kont tal-fatt illi din l-iskrittura hija wahda ta' tpartit, lanqas ma jirrizulta illi l-attur ittenta li jottjeni l-ezekuzzjoni taghha f'dak li jirrigwarda t-tieni parti tal-ftehim, fejn il-konvenut kellu jikkonsenja sa Marzu 2010 il-bilanc permezz ta' *credit notes* ghal materjal ta' kostruzzjoni. Illi minflok, u dan skond ma jirrizulta mill-

messagg, ossia sms, li jidher li ntbaght mill-attur lill-konvenut datat 4 ta' Gunju, 2010, l-attur ddecida arbitrarjament illi jikkancella dak il-parti tal-ftehim milhuq bejniethom dwar il-konsenja lill-konvenut ta' *voucher* ghal ghamara tal-valur ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro (€9,317), u ghalhekk lanqas il-konvenut ma kien ser jibqa' tenut li jghaddi lill-attur *credit notes* ghall-valur ta' tlettax-il elf mija u tlieta u ghoxrin ewro (€13,123), bil-konsegwenza illi allura kien dovut a favur tal-attur bilanc ammontanti ghal tlett elef tmien mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€3,805.61c).
Illi skond din l-istess skrittura, kwalunkwe ammont dovut mill-konvenut lill-attur kellu jithallas permezz ta' fornitura ta' "*concrete or concrete slabs"*.

Illi dwar il-pendenza li ghandu quddiemu dan it-Tribunal, huwa jinsab tal-fehma illi kien hemm nuqqas miz-zewg partijiet kontendenti, in kwantu t-tnejn naqsu milli jwettqu dak miftiehem bejniethom, billi jikkonsenjaw lill-parti l-ohra il-*credit notes* u *voucher* kif miftiehem. Illi fid-dawl ta' dak riportat fl-istess skrittura, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-partijiet kellhom jitolbu, u jottjenu, l-ezekuzzjoni tal-obbligi rizultanti minn dik l-iskrittura, invece che arbitrarjament jiddecidu liema partijiet ghandhom jibqghu applikabbli o meno.

Illi minkejja f'dan, u tenut kont tal-fatt illi l-konvenut – minn jeddu – irrikonoxxa u ddikjara illi kien dovut a favur l-attur bilanc fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500), allura t-Tribunal jidhirlu illi jkun ekwu u gust illi dan il-bilanc jithallas minnu, u dan fi flus kontanti – minkejja dak indikat fl-iskrittura illi kwalunkwe ammont dovut mill-konvenut ghandu jkun dovut f'materjal ta' kostruzzjoni – u dan tenut kont tal-fatt illi meta l-konvenut irrikonoxxa tali debitu, hu ma kkwalifikax il-mod kif kellu jigi saldat tali debitu. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji *in parte* t-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt ewro (€500).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' *in parte* t-talba tal-attur, u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt ewro (€500), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

Il-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------